MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 475/2010

**Giovanni Cusumano**

***Versus***

***Everleaf Gaming Limited***

1. Din il-kawża hija dwar l-użu ta’ *domain* għal logħob fuq l-*internet*. Is-sentenza tallum hija dwar eċċezzjonijiet preliminari mressqa mis-soċjetà konvenuta.
2. L-attur fisser illi fl-1 ta’ Settembru 2009 hu kien daħal fi ftehim li ssejjaħ *Licensee Intermediary Agreement* [“il-Ftehim”] mas-soċjetà konvenuta, li għandha liċenza mill-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob sabiex tipprovdi servizzi ta’ *internet gaming software* u *internet gambling services*. Skond dan il-ftehim l-isem *Alicepoker* – li għandu jedd jużah l-attur bi ftehim mat-titolari, li hija martu Isabella Righetti – kellu jintuża għal opreazzjonijiet ta’ logħob fuq is-*servers* tas-soċjetà konvenuta u kellu jopera biss taħt id-*domain* bl-isem www.alicepoker.com.

3. Kompla jgħid illi s-soċjetà konvenuta, minn rajha, qabdet u iddikjarat illi l-Ftehim ma għadux aktar fis-seħħ u, mingħajr il-kunsens tal-attur, daħlet fi ftehim ieħor ma' soċjetà mmexxija minn Francesco Airo biex tipprovdi s-servizzi tagħha ta' logħob fuq l-*internet* taħt id-*domain* ta' alicepoker.eu. B'dan li għamlet is-soċjetà konvenuta, il-lâgħba li kienu jidħlu jilagħbu fis-sit alicepoker.com bdew jilagħbu fis-sit alicepoker.eu għax dik kienet aktar aċċessibbli għalihom u mingħalihom li kienu qegħdin jilagħbu fuq l-istess sit. B'hekk l-attur ġarrab telf għax il-logħob beda jsir fuq alicepoker.eu. Ukoll, bi ksur tal-Ftehim, is-soċjetà konvenuta nqdiet bid-*data* tal- lâgħba tas-sit alicepoker.com u ipprovdiet l-istess *data* lil alicepoker.eu. Ippermettiet ukoll l-isem *Alicepoker* lil terzi mingħajr il-kunsens tal-attur meta ipprovdiet is-servizzi tagħha lil alicepoker.eu u lil pentapoker.eu.

4. Dan kollu, igħid l-attur, sar bi ksur tal-Ftehim u bi ksur tad-Direttiva numru 2000/31/KE dwar il-kummerċ elettroniku. Bi ħtija ta' hekk l-attur ġarrab danni. Igħid ukoll illi l-konvenuta hija debitriċi tiegħu "mill-21 ta' Marzu 2010 sas-16 ta' April 2010 meta s-soċjetà intimata tfiet is-sit www.alicepoker.com".

5. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

i. tgħid illi ma tiswiex id-deċiżjoni tas-soċjetà konvenuta illi ma għadhiex marbuta bil-Ftehim;

ii. tgħid illi s-soċjetà konvenuta kisret il-Ftehim meta ipprovdiet is-servizzi tagħha lid-*domain* www.alicepoker.eu;

iii. tgħid illi s-soċjetà konvenuta kisret il-Ftehim ukoll meta ipprovdiet is-servizzi tagħha lid-*domain* www.pentapoker.com bl-isem *Alicepoker*;

iv. tordna lis-soċjetà konvenuta tieqaf topera taħt id-*domain* www.alicepoker.eu;

v. tordna lis-soċjetà konvenuta sabiex ma tużax il-kliem *Alicepoker* jekk mhux għall-għanijiet tal-ftehim;

vi. tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha twieġeb għad-danni li b'għemilha għamlet lill-attur;

vii. tillikwida dawn id-danni; u

viii. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż, fosthom dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 573/2010.

6. Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet preliminari, fost oħrajn:

i. l-attur ma għandux *locus standi* għax il-Ftehim huwa bejn, min-naħa l-waħda, *Everleaf Gaming Limited* u, min-naħa l-oħra, Giovanni Cusumano u Francesco Airo, it-tnejn flimkien bħala *intermediary* u mhux bħala individwi, u għalhekk l-azzjoni kellha ssir mit-tnejn flimkien;

ii. il-proċeduri ma jiswewx għax il-mandat ta' sekwestru maħruġ fuq talba tal-attur kien għal tliet miljun euro (€3,000,000) waqt li fil-proċeduri tallum ma tħallasx dritt tar-reġistru fuq dak il-valur;

iii. l-art. 14.3 tal-Ftehim irid illi kull tilwima li għandha x'taqsam mal-ftehim għandha tiġi deċiża b'arbitraġġ u għalhekk it-talbiet tal-attur ma humiex ta' kompetenza ta' din il-qorti;

iv. l-art. 8.1(a) tal-Ftehim igħid illi "*the Intermediary represents and warrants that: (a) It is duly incorporated, organized and validly existing under the laws of Italy*" iżda, għalkemm Giovanni Cusumano u Francesco Airo kellhom ikollhom ir-relazzjoni tagħhom regolata, dan ma sarx u ma qagħdux għall-kondizzjonijiet tal-Ftehim: l-interess ġuridiku kellu jkun tal-entità inkorporata u Giovanni Cusumano ma għandux dan l-interess; u

v. din il-qorti ma għandhiex kompetenza biex taqta' u tisma' dwar dan il-każ billi sallum ma hemmx deċiżjoni mill-Komunità Ewropeja dwar id-dritt tal-marka fuq *Alicepoker*.

7. Din is-sentenza tallum hija dwar dawn l-eċċezzjonijiet preliminari, u, billi t-tielet eċċezzjoni tolqot il-kompetenza tal-qorti, hija meħtieġa qabel xejn deċiżjoni fuq dik l-eċċezzjoni, li hija msejsa fuq il-patt. 14.3 tal-Ftehim li jgħid hekk:

Any dispute, controversy or claim arising out of or relating to this agreement, or the breach, termination, interpretation or validity thereof shall be settled by arbitration in accordance with Part V (International Arbitration) of the Malta Arbitration Act and the Arbitration Rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force. The appointing authority and administrator shall be the Malta Arbitration Centre.

8. Il-partijiet qablu illi l-arbitraġġ ikun regolat mit-Taqsima V – Arbitraġġ Internazzjonali Kummerċjali – tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387). L-art. 55(1) f'dik it-Taqsima jgħid illi "l-Mudell ta' Liġi għandu jifforma parti mil-Liġijiet ta' Malta u jkun hekk esegwibbli". Il-"Mudell ta' Liġi" msemmi f'dan l-artikolu huwa l-Mudell ta' Liġi *UNCITRAL* fuq l-Arbitraġġ Kummerċjali Internazzjonali, miġjub fl-Ewwel Skada tal-Kap. 387, li fl-art. 8(1) tiegħu jgħid hekk:

Qorti li tinġieb azzjoni quddiemha fi kwistjoni li tkun is-suġġett ta' ftehim ta' arbitraġġ għandha, jekk xi parti hekk titlob mhux iktar tard minn meta tagħmel l-ewwel dikjarazzjoni tagħha fuq il-meriti tat-tilwima, tirreferi lill-partijiet għall-arbitraġġ kemm-il darba ma tiddeċidix li l-ftehim huwa null u bla effett, inoperattiv jew li ma jistax jitwettaq.

9. Il-meritu tal-kawża huwa dwar l-interpretazzjoni u l-effetti tal-Ftehim, u għalhekk jintlaqat bil-patt ta' arbitraġġ. L-attur, iżda, huwa tal-fehma illi l-qorti xorta għandha ġurisdizzjoni biex tisma' u taqta' l-kawża għar-raġuni li fissritha hekk fin-nota ta' osservazzjonijet tiegħu:

… … … il-kawża hija frott ta' mandat ta' inibizzjoni li l-qorti laqgħet fuq talba tal-attur u għalhekk tali klawsola tal-arbitraġġ ma tapplikax f'dan il-każ tenut kont id-danni irrimedjabbli li s-soċjetà konvenuta kienet bl-aġir tagħha qed tagħmel u għamlet lill-attur. … … … Il-klawsola tal-arbitraġġ ma tagħmilx tajjeb għal meta jkun hemm mandat ta' inibizzjoni.

10. Semma wkoll l-art. 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li fil-parti relevanti tiegħu jgħid hekk:

**742.** (3) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.

(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta' arbitraġġ, il-qrati jistgħu joħorġu kull att kawtelatorju, f'liema każ jekk dik il-parti tkun għadha ma ressqitx it-talba

tagħha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f’dan il-Kodiċi li fihom għandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba għandhom ikunu ta’ għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju.

11. Għalkemm huwa minnu illi l-ġurisdizzjoni tal-qrati ċivili ma hijiex eskluża, u illi l-qorti għandha s-setgħa toħroġ mandati kawtelatorji, il-fatt li jinħareġ mandat kawtelatorju ma jfissirx illi l-kawża għandha tinstema’ quddiem il-qorti; anzi, il-qorti għandha “twaqqaf il-proċedimenti” sabiex il-proċeduri jinstemgħu quddiem l-arbitru kif ikun irid il-ftehim ta’ arbitraġġ.

12. Il-qorti għaklhekk tipprovdi dwar it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta billi twaqqaf il-proċedimenti u tirreferi lill-partijiet għall-arbitraġġ kif irid il-patt numru 14.3 tal-Ftehim.

13. L-ispejjeż ta’ dan l-episodju jħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------